**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN**

**14 ta' Jannar, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Pierre Farrugia, is-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera s-Sur Dino Bonnici u Vincent Marmara nfurmaw li minħabba x-xogħol ma setgħux jattendu għas-seduta tal-lum. **Dok 1.** mehmuża.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**34.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

34.1.1 Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa fuq punt 32.1.1 fuq it-twessieħ ta' Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Transport Malta fejn ġie nfurmat li l-art għada ma ġiet esproprijata, b'hekk il-każ għadu wieqaf.

34.1.2 Fir-rigward ta' punt 33.6.1, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-fondi fuq toroq kienu ingħataw u mqassma speċjalment f'toroq arterjali.

34.1.3 Fir-rigward ta' punt 33.6.4, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jrid li l-Kunsill jitlob din l-informazzjoni lir-Reġjun Nofsinhar:

- Kemm ingħataw ċitazzjonijiet taħt il-mina ta' Ħal Kirkop?
- X'kienu l-kontravenzjonijiet li ingħataw?
- Min jindika li l-warden għandhom ikunu taħt il-mina?
- Għaliex tara wardens biss taħt il-mina ta' Ħal Kirkop u mhux taħt mini

oħra f'Malta?

34.1.4 Il-minuti ta' seduta 33ġew approvati.

***34.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra u tas-Sotto Kumitati Anzjani***

34.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 7 li inżammet fis-12 ta' Jannar, 2015, ġew approvati.

F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Raymond Grixti (ħin 18:45)

34.2.2 Il-minuti tas-seduti tas-sotto kumitat Anzjani li nżammet fit-28 ta' Novembru, 2014 ġew approvati.

**34.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk***

34.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 53.

***34.4 Komunikazzjoni mis-Sindku***

34.4.1 Is-Sindku għamel dawn ir-ringrazzjamenti:

- Lill-Kunsillier Kevin Sam Farrugia u lil missieru talli ħadu ħsieb li volontarjament iżejnu il-faċċata tal-bini tal-Kunsill Lokali għal żmien il-Milied. Il-Kunsill approva li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Farrugia għal xogħlu.
- Lill-Kunsillier Joseph D'Amato u lil dawk li ħadmu biex l-attivita' tal-kunċert tal-Milied setgħet kienet suċċess.
- Lill-Kunsillier Joseph D'Amato tal-inizjattiva li għamel il-kalendarju għas-sena 2015. Hu żied jgħid li kellu kliem ta' tifħir għal dan il-kalendarju u ġie apprezzat aktar mill-Kunsill News.
- Lill-Kunsillier Rita Bellizzi tal-attivita' li għamlet lill-anzjani fi żmien il-Milied u informa li kellu kliem pożittiv fuq l-attivita'.

34.4.2 Is-Segrretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-ex post tas-Sigurta' Soċjali hu tal-privat u għalhekk il-Kunsill ma jistax jitlob devoluzzjoni għalih

34.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li ser jinħarġu fondi għall-proġetti kapitali u l-Kunsilli lokali ġew mitluba jattendu għal-laqgħa ta' tagħrif. Għaliha attendew hi flimkien mas-Sindku. Kien hemm qbil li għal dawn il-fondi l-Kunsill japplika fuq il-proġett ta' Triq Gervase Mathew.

34.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq email li rċieva l-Kunsill li minħabba l-istat finanzjarju li jinsab fih ma jistax jgħamel proġetti kapitali.

34.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-permess li ingħata mill-Mepa fuq barriera f'Wied Moqbol. Dan il-każ tqajjem ukoll fil-ġurnal Malta Today. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-perit tal-Kunsill biex jiġbor

id-dokumentazzjoni kollha fuq il-każ u jitolbu jistaqsi għaliex fis-sena 2005 l-permess għall-barriera ġie rrifjutat u f'din is-sena ġie aċċettat.

34.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li resident ilmenta fuq il-kwantita' ta' ħmieġ tal-għasafar li qed ikun hemm fil-ġnien ta' quddiem l-iskola primarja taż-|urrieq. Dan ir-resident ilment fuq l-istess każ mal-Prim Ministru, il-Ministru tal-Edukazzjoni, s-Sanita u mal-kap tal-iskola primarja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi wriet lil dan ir-resident l-ispiża li għamel il-Kunsill biex installa canopy fl-akwata, u l-fondi li jingħata biex issir manutenzjoni fil-ġonna u soft areas li hawn fir-raħal u fiehmet li huma ftit wisq biex tlaħħaq mal-ispejjeż li jinvolvi l-istess ġnien.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jibda jieħu l-prekawzjonijiet biex is-siġar tal-ġnien jiġu miżbura regolarment.

***34.5 Increment tal-Impjegata Maria Briffa Callus***

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskrivana Maria Briffa Callus waslet biex tieħu r-raba' increment fis-salarju tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-imsemmi increment jittieħed minħabba li x-xogħol tal-iskrivana hu sodisfaċenti ħafna.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

***34.6 Rapporti ta' Performance Appraisal tal-impjegati kollha u tas-Segretarju eżekuttiv***

34.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti li ħejjiet fuq l-impjegati kollha. Ġew approvati li l-impjegati kollha jieħdu s-6% tal-performance bonus. Kien hemm qbil unanimu.

34.6.2 F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mis-seduta biex jiġi diskuss ir-rapport tal-performance appraisal tagħha.
Wara li s-Segretarju Eżekuttiv daħlet lura għas-seduta, s-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-ammont ta' 10% tal-performance bonus.

***34.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull kwart – L-aħħar kwart tas-sena 2014.***

34.7.1 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju tal-aħħar kwar tas-sena 2014 imħejji mill-accountant tal-Kunsill. **Dok 2. mehmuż.**

***34.8 Budget***

34.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-budget għas-sena 2015.
Il-budget ġie approvat. **Dok 3. mehmuż.**

34.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll ir-rapport annwali amministrttiv għat-tielet sena tal-leġislatura preżenti. Dan ir-rapport ġie diskuss u approvat. **Dok 4 mehmuż.**

34.7.3 Is-Segertarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport ta' pjan ta' Ħidma għat-tliet snin li ġejjien 2015 – 2017. Ir-rapport ġie diskuss u approvat. **Dok 5 mehmuż.**

***34.9 Data għal-laqgħa annwali tal-lokalita'***

34.9.1 Kien hemm qbil li d-data tal-laqgħa annwali tkun nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar, 2015 fis-6.30pm, qabel is-seduta tal-Kunsill.

***34.10 Ħinijiet tax-xogħol tal-impjegata Francesca Camilleri***

34.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra li l-impjegata Francesca Camilleri bagħtet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, fejn fiha talbet biex mit-2 ta' Frar, 2015 tibda taħdem mid-9.00am sas-14:00 minflok kif qed taħdem issa mill-11:30 sal 16:30.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi ma ssibx oġġezzjoni fuq il-ħinijiet mitluba.
Kien hemm qbil li l-ħinijiet mitluba jkunu approvati.

***34.11 Rapport mill-Kunsillier David Abdilla rigward l-Assemblea favur il-Paċi.***

34.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport li ħejja l-Kunsillier David Abidlla tar-rappreżentazzjoni fl-Assemblea favur il-paċi. ***Dok 6 mehmuż***

***34.12 Ċerimonja tal-għoti ta' Automated External Defibrillator***

34.12.1 Is-Sindku stieden lill-President is-Sur Jesmond Aquilina u lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Elizabeth Vassallo, tar-Reġjun Nofsinhar biex jippreżentaw l-Automated External Defibrillator waqt is-seduta tal-Kunsill. Is-Sindku Ignatius Farrugia rringrazzja lill-President is-Sur Jesmond Aquilina tax-xogħol li għamel tul din il-leġislatura u tal-għajnuna li dejjem joffri lill-Kunsilli Lokali u qal li jħossu onorat li r-Reġjun tan-Nofsinhar għandu lis-Sur Aquilina bħala President. Is-Sindku rringrazzja ukoll lis-

Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Elizabeth Vassallo u lill-istaff tar-Reġjun tas-servizz li jagħtu.
Il-President rringrazzja lis-Sindku tar-rikonoxximent li wera u qal li hu dejjem kien disponibbli għall-14 –il Kunsill u dejjem mexa parzjali ma kulħadd. Tul din il-leġislatura ta fondi lill-Kunsilli biex jintużaw għal-libreriji, CCTVs u l-magna Defibrillator, dawn kollha fondi li jiġu mfaddla miċ-ċitazzjonijiet li jingħataw. Hu qal li mhix l-intenzjoni tiegħu li jinżammu fondi mingħajr ma jitqassmu bejn il-Kunsilli involuti. Inizjattiva ġdida ser tkun li jagħti 50,000Euro maqsuma bejn l-14 –il Kunsill biex jintużaw fuq sinjali u marki tat-toroq għax jaf kemm hi diffiċli li tagħmel il-manutenzjoni meħtieġa għalihom.

Wara ċ-ċerimonja tal-għoti ta' din il-magna, kien hemm diskussjoni fuq punt numru 34.1.3 fejn ġew imwieġba l-punti kollha.

- Il-mina ta' Ħal Kirkop tinsab fil-konfini ta' Ħal Kirkop u hu l-Kunsill tal-lokalita' li jordna li jkun hemm il-wardens ħdejha.
- Il-kontravenzjonijiet li jingħataw taħt il-mina jvarjaw minn- nuqqas ta' ilbies tas-seat belt, użu tal-mobile phone u dawn mhu mixgħul.
- L-ammont ta' flus li jiġu ġġenerati mill-kontravenzjonijiet ta' taħt il-mina persentaġġ minnhom jinqasm bejn il-Kunsilli tar-reġjun, persantaġġ ieħor jitħallas lill-Kunsill Lokali ta' }al Kirkop, barra li minnhom ukoll jitħallsu l-ispejjeż tal-istess reġjun.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb biex jitlob is-servizz tal-warden f'dawn il-postijiet:

- Fejn il Maypole fi Triq Bronja
- Fi Triq Sant Antrija (il parti li tinsab one way)
- Triq il-Kbira ma' Triq ic-Combini
- fejn il-Bronz Bar f'Misrah ir-repubblika
- Fi Triq G M Callus (fejn il muzew tal bniet)

***34.13*** ***Tiġdid ta' Kuntratt:***
***RR67/10/12 Road Works & other related works***

34.13.1 Kien hemm qbil li l-kuntratt RR67/10/12 Road Works & other related works jiġi mġedded għal sena oħra.

***34.14*** ***Sejhiet ġodda għall-Offerti tal-Kuntratti:***

***Maintenance of Traffic Signs & Road Markings***
***Hortocultural Works at 8 Public Gardens & Maintenance of Soft Areas***

34.14.1 Kien hemm qbil li jinħareġ l-avviż tal-offerti għaż-żewġ kuntratti.

***34.15 Approvazzjoni: Xogħlijet u Servizzi***

34.15.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li kien hemm ħsara tal-WSC fi Triq Rokku Buhagiar fejn saret trinka u t-tarmakk tagħha inqala' wara ftit ġranet. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-WSC.

34.15.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li kienet mistiedna għal-riċeviment tal-Milied li sar lill-persuni bi bżonnijiet speċjali u xtartilhom rigal kull wieħed bi spejjeż tagħha personali.

34.15.3 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-attivita' li jmiss għall-anzjani ser tkun mawra f'Għawdex. Hi qalet li bdiet tqassam ir-rigali lill-anzjani ta' 'l fuq minn 85 sena. Ir-rigali huma mugs. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Pierre Farrugia, kien hemm qbil li tingħata l-lista lill-kunsilliera kollha, tal-persuni li huma intitolati li jieħdu dan ir-rigal.

34.15.4 IL-Kunsillier Rita Bellizzi ssuġġeriet li minħabba li Triq il-Qrendi tkun perikoluża meta jkollha parkeġġ fuq żewġ naħat, din issir 'one way'.

Kien hemm qbil biex is-suġġeriment jitqajjem f'leġislatura oħra.

34.15.5 Il-Kunsillier Raymond Grixti qal dawn l-ilmenti:

- li hemm bżonn patching fi Triq l-Imqabba fil-parti minn fejn jispiċċa l-bini sa qabel taqbad it-triq ta' Ħal Millieri.
- bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix fi Ġnien il-Bennej.

Kien hemm qbil li issir l-ordni għax-xogħol.

34.15.6 Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li fl-aħħar ta' Novembru, l-Kunsill ta' Borgo Maggiore inbidel minħabba li kien hemm elezzjoni u żewġ persuni biss mill-Kunsill preċedenti, baqgħu membri fil-Kunsill preżenti. Is-Sindku l-ġdid huwa Federico Cavelli. Hu żied jgħid li l-Kunsill ta' Borgo Maggiore tella' wirja ta' ritratti, ta' attivitajiet li l-Kunsill kellu mal-Kunsill taż-|urrieq tul dawn l-aħħar 14 – il sena kemm ilu li sar dan il-ġemellaġġ.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li filwaqt li jittama li tali ġemellaġġ jimxi fuq l-istess linji li mxew Kunsilli preċedenti, ssuġġerixxa li l-Kunsill taż-|urrieq jibgħat ittra ta' awguri lill-Kunsill ta' Borgo Maggiore għal-leġislatura l-ġdida.

Kien hemm qbil fuq dan.

34.15.7 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li titneħħa *reserved parking* li m'għadux jintuża fi Triq il-Qrendi k/m Triq il-Ħaddiema. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

34.15.8 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li Transport Malta m'aċċettatx it-talba tal-Kunsill biex ikun hemm parkeġġ riservat għall-minibuses quddiem l-iskola waqt il-ħijiet tad-dħulo u ħruġ tat-tfal. Hu talab biex il-Kunsill jitlob spejgazzjoni għal dan. Kien hemm qbil fuq dan.

34.15.9 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia talab biex it-taxi stand li hemm f'Misraħ Mattia Preti titneħħa għax qatt ma tkun użata.
Kien hemm qbil fuq dan.

**34.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

34.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' €33,808.21
.
Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Kevin Sam Farrugia.

**34.17 Data tas-seduta li jmiss.**

34.17.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-8.40 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar, 2015, fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2015

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |